**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 673/97

Valent Sciberras

vs

Chairman Korporazzjoni Telemalta u b’ digriet tal-14 ta’ Lulju 1999 giet korretta ghal Maltacom p.l.c.

Illum 18 ta’ April, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors tar-rikorrent li bih ippremetta:

1. Li ilu impjegat mal-Korporazzjoni intimata mill-1975 u ilu jokkupa l-grad ta' Telecommunications Technician III ghal dawn l-ahhar hdax il-sena (11) jigifieri mill-1986;

2. Illi r-rikorrent huwa wiehed mill-ewwel persuni li beda jahdem fuq s-sistema gdida tal-Fibre Optic u huwa wiehed mill-ftit persuni illi attenda ghall-korsijiet kollha organizzati kemm mill-Korporazzjoni intimata kif ukoll minn kumpaniji barranin, inoltre ghandu esperjenza vasta f'oqsma ohra relatati mas-sezzjoni tal-cables;

3. Illi permezz ta' cirkulari numru 37/89 datata 23 ta' Gunju 1989 li kopja taghha tinsab hawn annessa u mmarkata bhala Dokument "VS" ir-rikorrent kien applika sabiex jigi konsiderat ghall-grad ta' Technical Officer I. Illi minkejja illi huwa rrisponda tajjeb ghad-domandi kollha li sarulu huwa ma giex maghzul ghal dan il-grad. Inoltre r-rikorrent kellu l-esperjenza, kwalifiki u l-anzjanita fil-Korporazzjoni daqs dawk li saru u f'certi kazijiet anke aktar minn xi whud minn dawk li hadu l-promozzjoni;

4. Illi minkejja li ir-rikorrenti ilu mill-1985 bhala l-persuna inkarigata mit-tqassim tax-xoghol ta' kuljum tas-sezzjoni tal-Fibre Optic madankollu sabiex jkompli jigi diskriminat ir-rikorrent kien gie mcahhad milli jattendi tahrig relatat specifikament fuq ix-xoghol tal-Fibre Optics liema tahrig kien gie organizzat mill-Commonwealth Fund for Technical Assistance li sar fl-Ingliterra fl-1995. Minfloku

kien intbaghtu zewg persuni ohra li wiehed minnhom sahansitra ma kellu x'jaqsam xejn mas-sezzjoni involuta tal-Fibre Optic;

5. Illi irid jinghad illi fil-"Personal File" ir-rikorrent ma ghandu xejn avvers ghalih; anzi gie deskritt bhala mpjegat kompetenti hafna u wkoll rakkomandat ghal gradi iktar gholjin minhabba l-kapacitajiet, il-kwalifiki, u l-esperjenza tieghu;

6. Illi r-rikorrent hass ruhu aggravat bl-agir tal-Korporazzjoni intimata matul is-snin 1987 u 1996 u dan billi huwa gie mcahhad ingustament u b'mod diskriminatorju l-opportunita' li javvanza fil-karriera tieghu dan aktar u aktar meta huwa qatt ma kellu xi rapport avvers kontra tieghu u dan kollu b'dannu finanzjarju ghalih u ghall-familja tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal jisma' u jiddeciedi dwar l-ilment mressaq minnu ai termini tal-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u dan illi huwa jinghata rimedju billi jigi ordnat illi moghti l-promozzjonijiet li diskriminatament u ingustament huwa ma kienx inghata b'effett mid-data li kienu effettivament inhargu jew/u jigi ordnat li jithallas kumpens gust li jigi determinat minn dan it-Tribunal.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-intimat li eccepixxa:

1. Illi l-korporazzjoni tichad li ghamlet xi ingustizzja b'rizultat ta' xi distinzjoni eskluzjoni jew preferenza indebita mar-rikorrent jew li cahditu minn promozzjoni li kien haqqu.

2. Illi s-sejha ghall-applikazzjoni ghall-grad ta' Technical Officer I kienet harget fit-23 ta' Gunju 1989. Ir-rikorrent kien applika pero' ma kkwalifikax u ghalhekk ma setghax jinghata l-promozzjoni.

3. Illi minn massimu ta' 100 marka ir-rikorrent gab biss 32 marka. Dawn kienu mqassmin hekk: 5 marki minn 30 marka ghas-snin ta' servizz 4 marki minn 20 marka ghall-esperjenza, 7 minn 15 marka ghall-kwalifiki, 5 minn 20 marka ghar-risposta fuq mistoqsija teknika; 7 marki minn 10 marki ghal-Taghrif Generali u 4 minn 5 marki ghal-personalita`.

4. Illi dwar l-allegazzjoni li impjegati b'inqas esperjenza, kwalifiki u anzjanita' inqas minnu nghataw promozzjoni, l-korporazzjoni tirrizerva li tikkummenta u tressaq ix-xhieda u l-provi taghha wara li r-rikorrent jaghti dettalji ahjar.

5. Illi dwar l-ilment tar-rikorrent li ma kienx intbaghat ghall-kors tal-Commonwealth Telecommunications Organisation, l-ghazla tal-partecipanti ghal dawn il-korsijiet kienet issir mid-Deputy Chairman ta' dak iz-zmien, John Camilleri , mill-General Manager Tony Debono u mill-kap tat-tahrig, is-Sur Godwin Ellul. Mhumiex

maghrufa l-kriterji ta' l-ghazla taghhom. Fil-kaz li qed isemmi r-rikorrent kienu ntaghzlu Felix Borg u Joseph Farrugia. Ir-rikorrent ma kellu ebda dritt li jintaghzel hu.

6. Ghaldaqstant il-korporazzjoni talbet li dan it-Tribnal joghgbu jichad it-talba tar-rikorrent. Bl-ispejjez kontra tieghu.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrentipprezenta affidavit fejn qal li meta dahal jahdem mat-Telemalta kellu l-kwalifiki tas-City & Guilds - Radio & Television Part I. Semma li meta kien jinqala xoghol kumplikat fis-sezzjoni l-inginier Cassar kien iqabbad lir-rikorrent minkejja li fis-sezzjoni kien hemm madwar hamsin (50) ruh. Meta giet introdotta sistema gdida tal-Fibre Optics hu kien gie inkarigat jahdem fuq din is-sistema l-gdida. Semma li segwa b'success diversi korsijiet ta' natura teknika.

F'Gunju tan-1989 hu applika ghall-grad ta' TOI. Il-mistoqsijiet fl-interview kienu kwazi kollha fuq Fibre Optics li hu wiegeb b'abilta

peress li kienu fuq il-linja tax-xoghol tieghu, u lmenta mill-marki li inghata fl-interview.

Ir-rikorrent in kontro ezami qal li l-promozzjoni li hu qed jilmenta fuqha hi ta' TOI.  Qal ukoll li hass li kellu jgib iktar marki fl-esperjenza u mistoqsija teknika.

Xehed l-Inginier Anton Cassar li qal huwa jahdem mal-Maltacom bhala inginier.  Bejn l-1987 u 1991 ir-rikorrent kien jahdem tahtu. Dak iz-zmien ir-rikorrent kien jahdem fuq Fibre Optic cables. Qal li r-rikorrent kien TTIII u kien l-ahjar wiehed fis-sezzjoni. Semma li r-rikorrent kien ukoll wiehed mill-pijunieri ta' teknologija gdida introdotta dak iz-zmien. Qal li r-rikorrent kif ukoll Emanuel Galea it-tnejn kienu fis-sezzjoni tieghu. Kienu jaghmlu l-istess tip ta' xoghol, ir-rikorrent kien TTIII u Galea kien TTII, it-tnejn jikklassifikhom bhala haddiema tajba u r-rikorrent kien jiehu over meta ma kienx ikun hemm il-foreman.

Xehed David Buttigieg li qal li l-kariga tieghu hija ta' Executive Principal u pprezenta rapport tal-bord tal-ghazla ghall-gradi ta' Technical Officer I fl-1989, 1990. Semma l-progression ta' impjieg ta' Joseph Farrugia, Charles Ciangura, George Pace, Louis Vella u Emanuel Galea.

Xehed l-Inginier Albert Balzan li qal li kien ic-chairman tal-bord tal-ghazla ghal Technical Officer I.  Huwa qal li kienu jaghmlu domandi

fuq l-esperjenza tax-xoghol tal-kandidat koncernat. Qal li lir-rikorrent ma jiftakrux u fl-interview files f' idejhom tal-applikanti ma kienx ikollhom. Zied jghid li dwar l-allokazzjoni tal-marki, ma kellimhom hadd. Ghall-anqas lilu zgur ma kien kellmu hadd. Qal li lestew ir-rapport u ghaddewh lill- Management.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi saret referenza ghas-sentenza moghtija fis-6 ta' Novembru 2001 fir-rikors numru 1108/97 fl-ismijiet Joseph Mallia vs Chairman Maltacom p.l.c. fejn it-Tribunal qal:

**Allokazzjoni Generali ta' Marki:**

Dan it-Tribunal jinsab spiss affacjat bil-problema tal-allokazzjoni tal-marki fl-interviews. Gieli dawn ma jkunux konformi ma' principji ohra skond il-ligi, l-prattika, ftehim kollettiv jew xi kriterju iehor. Hemm ukoll il-problema meta fil-fehma tat-Tribunal ma jkunux konformi ma' principju ta' logika. Hemm spiss il-problema li jigu allokati wisq marki ghal elementi suggettivi.

It-Tribunal jemmen hafna fil-kriterji oggettivi bhal ma huma snin ta' servizz (seniority) u kwalifiki ghax f'dawn certament ma jistax jkun hemm l-element ta' ingustizzja. B'daqshekk certament mhux qieghed jinghat li fatturi ohra bhal personalita', adattabilita' ghax-xoghol in kwistjoni, u esperjenza ma ghandhomx l-importanza taghhom.

Hawn wiehed irid ihares lejn kif gew allokati l-marki f'dan il-kaz u cioe':

| | |
|---|---|
| Snin ta' Servizz | 30% |
| Esperjenza | 20% |
| Kwalifiki | 15% |
| Mistoqsija Teknika | 20% |
| Mistoqsija Generali | 10% |
| Personalita' | 5% |

L-ewwel haga li wiehed jinnota hija li l-mistoqsija teknika giet allokata aktar marki mill-kwalifiki. Kif jista' jkun li Bord jaghti aktar importanza ghar-risposta fuq aspett wiehed mill-kwalifiki in generali. Ta min izid hawnhekk li tnejn mit-tlieta tal-Bord ma kienux teknici u ghalhekk l-evalwazzjoni tar-risposta kienet qedgha ssir minn persuna wahda. Ir-risposti kienu jinghataw f'minuta, tnejn f'interview. Dan ma kienx xi ezami skritt. Il-personal files tal-applikanti ma kinux f'idejn il-Bord. Hawn jidhol ukoll aspett iehor u cioe' il-kriterju ta' kwalifiki u kemm taghti marki ghal kull certifikat, u ta' liema livell, u jekk hux fuq lingwa jew aspett tekniku. Dan il-Bord ma dahalx fih fir-rapport tieghu.

Aspett iehor hi l-General question inghatat importanza ta' 2/3 tal-kwalifiki, u d-doppju tal-personalita'. Ma hemmx ghalfejn ta' hafna kummenti biex wiehed jirrealizza li hawn xi haga stramba.

Experience ghalkemm hi aspett importanti giet moghtija wisq importanza fl-allokazzjoni tal-marki. 20% huwa percentagg gholi u l-element tal-mistoqsija teknika tohrog parti mill-istess esperjenza u b'hekk fil-verita' gie moghti 40% meta wiehed ihares sewwa lejn dan l-aspett.

Ghalhekk it-Tribunal ihoss li ghall-ezami ta' TO II u TO III l-allokazzjoni tal-marki trid tinqasam hekk:

| | |
|---|---|
| Snin ta' Servizz | 30% |
| Esperjenza | **<u>15</u>**% |
| Kwalifiki | **<u>25</u>**% |
| Mistoqsija Teknika | **<u>15</u>**% |
| Mistoqsija Generali | 10% |
| Personalita' | 5% |

**Analizi tar-Rizultati:**

Fuq l-aspett tas-**<u>snin ta' servizz</u>** r-rikorrent ghandu jindika l-marki zbaljati jew tieghu jew ta' applikanti ohra. B'hekk biss it-Tribunal ikun jista' jikkonstata jekk hemmx zbalji fl-ghoti tal-marki. Dwar **<u>experience</u>** it-Tribunal ihoss li ghalkemm dan l-aspett mhux necessarjament hu marbut mas-snin ta' servizz ftit jew wisq ghandu jkun korrelat. Izda fost il-marki moghtija jsib li ghal:

30 sena servizz applikant inghata 4, ghal 29 inghata 6, 24 inghata 7; kien hemm min ghal 7 snin ta' servizz inghata

17, u ghal 9 inghata 20 [u dan kien Telecom Technician I u ghalhekk kellu esperjenza gholja meta telgha 5 gradi]. Jew hemm min hu bravu hafna, jew hemm min ma tantx dotat! Inoltre dawn il-marki huma aktar preokkupanti ghax dan il-gudizzju sar fi ftit minuti ghax il-Bord ma kellux il-personal files tal-applikanti maghhom. Dan hu kriterju suggettiv u facli li jigi zbaljat.

Dwar **kwalifiki** 13 minn 52 minn dawk li gabu l-50% ma kellhom xejn kwalifiki; minn dawk li gabu minn 42 sa 49 marki u cioe' 36, 8 biss ma kellhomx kwalifiki. Dwar il-**mistoqsija teknika** ghalkemm it-Tribunal ma hux tekniku u lanqas kien prezenti waqt l-interview biex jiccensura dak li sar, bil-fors ikollu jesprimi li risposta tajba ghadha tohrog minn min ghandu l-kwalifiki u s-snin ta' servizz. Minn ezami tal-marki ghal TO III 7 li ma kellhomx kwalifiki hadu 20 minn 20, 1 ha 19, 3 hadu 17, 1 ha 16. Il-maximum tal-kwalifiki kien 15; fost dawk li ma ghaddewx kien hemm 7 li kellhom 15. Minn dawn is-sebgha 2 gabu 12, 1 gab 10, 1 gab 8, 1 gab 7, u 2 gabu 5 [ u dawn l-ahhar tnejn kellhom 10 snin ta' servizz u kien TO I u l-iehor 12 il-sena u kien TO II].

Ghalhekk t-Tribunal ghandu l-obbligu li jekk jigi pruvat li l-marki moghtija huma zbaljati ghandu jvarja dawn il-marki.

Inoltre minn ezami tar-rizultat jirrizulta li l-cut-off mark ghall-promozzjoni ta' TO III kienet 52%; it-Tribunal ihoss li din trid

tigi varjata ghal 50% minhabba li kien hemm min ma kienx haqqu jikkwalifika u fil-fatt sar u ghalhekk ha post ta' dawk li mhux suppost hadilhom posthom. Il-cut-off tat-TO II kienet 50% u ghalhekk it-Tribunal ma ghandux xi jvarja.

**Marki moghtija lir-Rikorrent:**

Dwar Snin ta' Servizz, il-Bord alloka 30%; ir-rikorrent gab 5; it-Tribunal jinnota li r-rikorrent dahal jahdem mat-Telemalta fl-1978 u ghalhekk suppost li nghata 10 marki u mhux 5 ghax ghalkemm ma hemm imnizzel xejn fir-rapport li l-marki nghataw wahda ghal kull sena meta qies l-allokazzjoni ta' 30 marka bil-fors li trid tinhadem b' marka ghal kull sena; ghalhekk ir-rikorrent qed jinghata 10 marka;

Dwar Esperjenza l-Bord alloka 20%; ir-rikorrent gab 4; it-Tribunal varja l-allokazzjoni tal-marki ghal 15%; bl-allokazzjoni l-gdida tat-Tribunal dawn isiru 3;

Dwar Kwalifiki l-Bord alloka 15%; ir-rikorrent gab 7; it-Tribunal varja l-allokazzjoni tal-marki ghal 25%; bl-allokazzjoni l-gdida tat-Tribunal din issir 12;

Dwar Mistoqsija Teknika l-Bord alloka 20%; ir-rikorrent gab 5; it-Tribunal varja l-allokazzjoni tal-marki ghal 15%; bl-allokazzjoni l-gdida tat-Tribunal il-marka ssir 4;

Dwar Mistoqsija Generali l-Bord alloka 10%; ir-rikorrent gab 7; it-Tribunal halla l-istess allokazzjoni ta' 10%; it-Tribunal ihalli l-istess marka ghal 7;

Dwar Personalita` l-Bord alloka 5%; ir-rikorrent gab 4; it-Tribunal halla l-istess allokazzjoni ta' 5%; il-marka tibqa' 4.
Dan igib it-Total ghal TO 1 ghal 40.

Ghal dawn il-motivi jilqa' l-eccezzjoni tal-intimat.

Spejjez kontra r-rikorrent.